MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 683/2014

**L-Avukat Dr Victor Bugeja ID 44963(G) u martu Maria Theresa sive MArthese Bugeja ID 654961(M)**

**Vs**

**Shawn Zammit ID 449785(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Settembru, 2014 fejn l-attur talab illi l-konvneut ghandu jhallas lill-attur s-somma bilancjali u kumplessiva ta' elfejn seba' mija u tmienja u ghoxrin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€2,728.72) in linia ta' danni likwidati u spejjez ohra sofferti mill-atturi u ghal liema danni u spejjez l-konvenut huwa unikament responsabbli.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi izda baqa' inadempjanti.

Illi l-ammont ta' danni likwidati u pretizi huwa bilanc minn somma akbar ta' danni likwidati u spejjez ohra u ghaldaqstant l-konvenut ghandu jhallas l-ammont bilancjali fis-somma hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru, 2014, ta-mandat ta' qbid u r-rikors ghat-talba ta' konservazzjoni li qieghd jkun intavolat kontestwalment u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat baqa ma deherx u lanqas prezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

L-attur ikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' elfejn seba' mija u tmienja u ghoxrin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€2,728.72) lil atturi bl-imghax tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------